MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 330/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**David Camilleri**
**James Camilleri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat u David Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli gewwa Triq San Pankrazju Birzebbuga nhar l-4 ta' Lulju 2011, ghall-habta ta' 18:25hrs ikkommettew serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAT 164, liema serq jeccedi l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€2,390.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa li sar ghad-detriment ta' Elia Grixti;
Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement f'Malta lqghu ghandhom jew xtrajtu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti;

Lil David Camilleri wahdu talli fl-istess data, hin, cirkostanzi u lok u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAT 164 tal-ghamla Mitsubishi minghajr ma kien kopert b'licenzja tas-sewqan u polza t'assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma David Camilleri li kiser il-provedimenti tal-arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. D. Clarke LL.D. datata 7 ta' Lulju 2010.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju, 2011 fejn Stante ammissjoni, sabet lil-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom hlief ghall-akkuza ta' ricettazzjoni kif ravvizata fl-artikolu 334 tal-Kap 9 stante li din hija akkuza alternattiva ghall-akkuza ta' serq u ghalhekk qed tilliberahom minnha;

Rat l-artikoli 261(c) (g), 267, 271(g), 279(b) tal-Kap 9 fil-konfront taz-zewg imputati; 15(1) tal-Kap 65 u 3(1) Kap 104 fil-konfront ta' David Camilleri wahdu;

Rat l-fedina penali nadifa tal-imputat James Camilleri kif kif ukoll dik ta' David Camilleri fejn kien instab hati ta' diversi rejati kommessi f'okkazzjoni wahda u kien imqieghed taht is-sorveljanza ta' probation officer ghal perjodu ta' tlett snin mis-7 ta' Lulju 2010;

Trattat mal-imputati billi bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kap 9, stante li l-hatja huma minuri, fil-konfront ta' James Camilleri tqieghdu taht ordni ta' probation ghal pejodu ta' tlett snin mil-lum skond id-dispost tal-artikolu 7 tal-Kap 446;

Fil-konfront ta' David Camilleri tikkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' disa (9) xhur mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-hati jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9;

Inoltre skwalifikat lil David Camilleri milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn meta jaghlaq it-tmintax-il sena.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-hatja naxxenti minn din is-sentenza;

Ordnat li fil-konfront tal-hati David Camilleri, l-atti ikunu mibghuta quddiem dik il-Qorti sabiex titratta mieghu dwar il-ksur tal-ordni ta' probation;

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fid-19 ta' Lulju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi:

a. tikkonfermaha fir-rigward ta' kollox fil-konfront ta' James Camilleri u tikkonfermaha wkoll f' dik il-parti fejn sabet lill- appellat David Camilleri hat ital-akkuzi migjuba kontra tieghu u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn meta jaghlaq it-tmintax il-sena.

b. Tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat David Camilleri ghal sentenza ta' prigunerija ta' disa` xhur sospizi ghal sentejn min dik id-data u

c. Minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe' li l-ewwel Onorabbli Qorti erogat piena ta' disa xhur prigunerija sospizi ghal sentejn fil-konfront tal-appellat David Camilleri.

Jigi umilment sottomess li l-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma kinetx fix-xorta u fil-kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reati ammessi mill-appellat David Camilleri. Illi l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 fis-subinciz (7) jistipula li "*Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma jghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin –*

*(c) meta r-reat ikun sar fil-perjodu ta' probation jew ta' liberazzjoni that kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation".*

Illi l-ewwel Qorti naqset li tiehu kont tal-fatt li r-reati li taghhom instab hati l-imputat David Camilleri fuq ammissjoni tieghu stess, kienu saru fil-perjodu ta'

probation u li kwindi ghalhekk il-Qorti ma setghat qatt taghti sentenza sospiza ai termini tal-Artikolu 28A peress li dan il-fatt ampjament jirrizulta mill-atti tal-kawza u sejnatament mill-fedina penali tal-appellat David Camilleri. Issa galadarba l-imputat appellat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha, inkluza dik li kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 466, din il-piena ma setgahtx tigi applikata.

Ikkunsidrat.
Irrizulta mill-provi illi fl-erbgha (4) ta' Lulju, 2001 Kenneth Grixti minn Birzebbuga kien irraporta li waqt li kien fil-garaxx tieghu ra zewg (2) persuni dehlin fil-van tieghu bin-numru HAT 164 u jsuqu l-istess van. Dawn il-persuni kienu l-ahwa David Camilleri u James Camilleri. Tressqu l-Qorti u fuq ammissjoni taghhom stess il-Qorti sabithom hatja u poggiet lill-imputat James Camilleri taht ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tliet (3) snin skond id-dispost ta' l-Artiklu 7 tal-Kap 446 u fil-konfront ta' David Camilleri billi kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' disa' (9) xhur, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk li l-hati ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn skont id-dispost ta' l-Artiklu 28 (a) tal-Kodici Kriminali u skwalifikatu milli jkollu jew jottjieni licenzja ghal zmien sena minn meta jaghlaq tmintax (18) –il sena.

L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza peress illi fil-konfront biss ta' l-appellat David Camilleri l-ewwel Qorti errogat piena illi ma kienetx fix-xorta jew kwantita taghha dik kontemplata mill-Ligi, dan il ghaliex l-appellat David Camilleri kiser il-providimenti ta' l-Artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magisatrati fis-sebgha (7) ta' Lulju, 2010, qundi skont is-subinciz 7 ta' l-istess Kapitlu 28 (a) ordni bhal din ma setghetx tinghata meta r-reat ikun sar fil-perjodu ta' probation jew taht kundizzjoni skont l-Att dwar il-Probation.

Il-Qorti jidhrilha l- l-Avukat Generali ghandu ragun, la darba l-appellat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha, nkluz dik li kiser il-provedimenti ta' l-Artiklu 7 tal-Kap 446 allura dik il-piena ma setghetx tigi applikata u l-Qorti

m'ghandix alternattiva hlief illi timponi piena ta' habs peress illi ma jidhirliex illi ghandha tapplika perjodu iehor ta' Probation.
Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata fis-sens illi tikkonferma fir-rigward ta' kollox fir-rigward ta' James Camilleri u tikkonferma wkoll dik il-parti fejn sabet lill-appellat David Camilleri hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u skwalifikatu milli jkollu jew jottjieni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn meta jaghlaq it-tmintax (18) il-sena, tirrevoka u thassar dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat David Camilleri ghal Sentenza ta' prigunerija ta' disa' (9) xhur sospizi ghal sentejn u minflok tikkundanna lil David Camilleri ghal perjodu ta' prigunerija ta' hmistax (15) il-gurnata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------